# Aħbarijiet mill-Iskola

- Bi pjaċir nilqgħu fostna żewġ membri ġodda tal-istaff: Ms. J. Mizzi (S. Kindergarten Assistant) u Ms. A. Galea (Għalliema).
- Nirringrazzjaw lil Ms. L. Busuttil (Kindergarten Assistant) li spiċċat mis-servizz matul ix-xahar t'Ottubru. Nawgurawlha għall-futur.
- Pavel Xerri u Robin Sul Bermudo Maghinay, żewġ studenti mill-iskola tagħna, inagħqdu ma' rappreżentanti oħra mill-iskejjel tal-Kulleġġ San Benedittu fil-kommemorazzjoni ta' għeluq il-50 sena mill-mewt tal-Poeta Dun Karm Psaila.
- Student ieħor, Samuel Sacco tal-5 Sena, irċieva premju minħabba li ġie fit-tieni post minn 300 student f'kompetizzjoni li saret ma' Skola Sajf 2011.
- Bħala attività' ta' San Martin, it-tfal tal-iskola se tingħatalhom borża mimlija affarijiet nhar il-Ġimgħa 11 ta' Novembru.
- Sabiex it-tfal isiru jafu aktar l-ambjent storiku ġewwa l-Qrendi, qed norganizzaw Mixja Storika għat-tfal tal-iskola nhar il-Ġimgħa 4 ta' Novembru.



*Is-Surmast Mr. C. Pace jagħti tifkira lil Ms. L. Busutti, Kindergarten Assistant.*

- Bħala parti mid-diskussjonijiet dwar l-Qafas tal-Kurrikulu Nazzjonali, il-Prinċipal tal-Kulleġġ Ms. M. Sciortino ltaqgħet mal-Kunsill Skolastiku nhar it-Tlieta 18 t'Ottubru.
- Tqassmu l-*Piggy Banks* fil-klassijiet sabiex jinġabru flus għall-Istrina.
- Qed issir ġabra fil-klassijiet għall-bżonnijiet tal-Missjoni.
- Il-Kumpanija *GreenPak* żaru l-iskola tagħna sabiex iħeġġu lit-tfal jiġbru tappijiet tal-plastik sabiex dawn ikunu jistgħu jissarfu fi flus għall-Istrina. Għal kull kilo li se jinġabar se jingħata € 1 minn din il-kumpanija.
- Fit-8 ta' Novembru se ssir laqgħa fl-iskola għall-ġenituri dwar it-"Tibdil fl-Ortografija tal-Malti: Biex inkunu nistgħu ngħinu lil uliedna fil-kitba". Informazzjoni dwar it-tibdiliet u għajnuna oħra tinstab fuq is-sit: http://schoolnet.gov.mt/socialstudies/malti.htm

# Coffee Morning

**POST: L-ISKOLA PRIMARJA TAL-QRENDI**

**META: NHAR L-ERBGĦA 23 TA' NOVEMBRU 2011**

**PREZZ: €4.00**

**Biex tinkitbu kellmu lill-membri tal-Kunsill Skolastiku jew għand *Maria Stationery* sa nhar l-Erbgħa 16 ta' Novembru.**